MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 1999

Citazzjoni Numru. 140/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Muscat Marine Limited .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ippremettiet :**

**illi fuq talba tas-socjeta' konvenuta, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 551990 (CM-297508/6188) fil-fond Factory Unit H, Xewkija Industrial Estate, Xewkija, Ghawdex u dana skond ma' kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti A, u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-"service agreement" ezistenti bejn il-partijiet ;**

**illi skond l-istess "service agreement" is-socjeta' konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas dawk it-tariffi li minn amien ghal zmien jigu stabbiliti mis-socjeta' attrici ;**

**illi s-socjeta' konvenuta Muscat Marine Limited tinsab debitrici tas-socjeta' attrici Maltacom p.l.c. fis-somma ta' disat elef u erbgha u erbghin lira maltin u sebgha u disghin centezmu (LM9044.97) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni, servizz tal-linja tat-telefon u dana skond ma' kif jirrizulta mill-annessi "statements" immarkati bhala Dokument B u Dokument D ;**

**illi ghalkemm giet interpellata diversi drabi biex thallas anke permezz tal-ittri ufficjali tat-30 ta' Marzu, 1999, xorta wahda baqghet inadempjenti .**

**illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u m'ghandhiex eccezzjonijiet x'iggib kontra d-domanda tal-istanti .**

**Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :**

**Tghaddi biex tiddecidi fuq it-talbiet attrici bid-dispensa mis-smiegh kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili a tenur tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur ;**

**Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' LM9044.97 (disat elef u erba' u erbghin lira maltin u sebgha u disghin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni, u servizz tal-linji tat-telefon u dana skond ma' kif jirrizulta mill-annessi "statements" immarkati bhala dokument B u dokument D ;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 1999 u l-imghax legali kontra s-**

**socjeta' konvenuta debitament imharrka ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Saviour Farrugia .**

**Rat ukoll id-dokumenti kollha esebiti mal-istess citazzjoni, inkluzi l-affidavit tal-imsemmi Saviour Farrugia .**

**Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta permezz ta' Mario Muscat, ghall-istess socjeta' liema riferta ggib id-data tat-23 ta' Settembru, 1999 .**

**Rat il-verbal taghha tat-8 ta' Ottubru, 1999, fejn il-kawza giet differita ghal-lum 4 ta' Novembru, 1999 .**

**Wara li Dr. Alfred Grech ghan-nom tas-socjeta' konvenuta pprezenta certifikat mediku li kien jindika li l-imsemmi Mario Muscat ma jistax jattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza .**

**Wara li semghet lil Joseph Debrincat ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu kollu dovut u li fil-mori tal-kawza ma thallas ebda parti minnu .**
**Wara illi nnutat illi hadd ma deher ghas-socjeta' konvenuta, lanqas ghas-seduta tal-lum; billi ghal hekk jidher illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi din il-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' disat elef u erbgha u erbghin lira u sebgha u disghin centezmu (LM9044.97), dovuta ghal uzu (pulses/calls), l-ispejjez tal-istallazzjoni, u servizz tal-linja tat-telephone, skond ma jirrizulta mill-istatements immarkati dokumenti B u D, annessi mac-citazzjoni .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 1999, bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------